# AKKADEMJA LETTERARJA

IL-GHAQDA tal-Kittieba tal-Malti (Akkademja tal-Malti), għamlet nhar is-Sibt, is-17 ta' Diċembru, 1955, Akkademja Letterarja fl-Aula Magna ta' l-Università Rjali, ġentilment mislufa għal dik l-okkażjoni mill-Viċi-Kanċellier u Rettur Manifku ta' l-Università. Din l-Akkademja kienet onorata bil-preżenza ta' l-Aġent Prim Ministru, l-Onor. Ġużè Ellul Mercer, M.L.A., membru tal-Kunsill tal-Għaqda tal-Kittieba, li qara silta mir-rumanz tiegħu "Leli ta' Ħaż-Żgħir".

Il-Professur Ġużè Galea, President tal-"Għaqda" fetaħ l-Akkademja b'diskors li fih semma fil-qosor l-attivitajiet tal-"Għaqda" matul il-ħajja tagħha; semma li l-"Għaqda" kienet minn ta' l-ewwel jekk mhux l-ewwel xirka li organizzat laqgħat akkademiċi; l-ewwel laqgħa li kienet tat ħamsa u tletin sena ilu fit-Teatru Manoel u stabbiliet il-mudell u li standard tal-laqgħat akkademiċi u letterarji.

Ġużè Chetcuti qara l-poeżija "Non Omnis Moriar" ta' Monsinjur Dun Karm Psaila li, minħabba saħħtu, ma setax jieħu sehem personalment. Wara nqraw xogħlijiet ta' proża mill-



Laqgħa Akkademika tal-"Għaqda" fl-Aula Magna ta' l-Università. L-Onor. Ġ. Ellul Mercer, Aġent Prim Ministru, jidher ħdejn il-Prof. Ġ. Galea, President tal-"Għaqda" waqt li s-Sur Ġ. Chetcuti, Segretarju tal-Kummissjoni għall-Akkademja, qiegħed jaqra l-poeżija ta' Mons. Dun Karm Psaila "Non Omnis Moriar".

Prof. Ġ. Aquilina B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), Ivo Muscat Azzopardi L.P., Gino Muscat Azzopardi, Dun Karm Sant B.A., Lic.D., Lic.S.Script., Nikol Biancardi, Joseph Galea, u Ġużè Diacono. Qraw poeżiji A. Cremona, il-Prof. R. Briffa B.Sc., M.D., Karmenu Vassallo, Patri Ġ. Delia S.J., Marjù Agius, u Ġużè Chetcuti.

Li "Strauss Amateur Orchestra" taħt id-direzzjoni tas-Surmast A. Manchè daqqet bċejjeċ mużikali li ngħoġbu u ġew ap-

plawditi ħafna.

Il-Professur Ġużè Galea għalaq l-Akkademja billi iżżaħajr lil dawk kollha li ħadu sehem f'din il-laqgħa, qarrejja, mużiċisti u pubbliku, xtaq lil kulħadd il-Milied u s-Sena t-Tajba u wera t-tama li bla dewmien jerġa' jiltaqa' "bankett artistiku" bħal dan.